Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,384, 7 ta' April, 2020
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XVI tal-2020

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jiġu stabbiliti setgħat ta' infurzar u ta' sanzjoni kif meħtieġ bl-artikoli 13, 14 u 18 tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa.

ACT No. XVI of 2020

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to establish enforcement powers as required by articles 13, 14 and 18 of Regulation (EU) No. 1227/2011 of the European Parliament and of the Council of 25 October 2011 on wholesale energy market integrity and transparency.

Verżjoni Elettronika

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

7 ta' April, 2020

ATT Nru XVI tal-2020

ATT biex jiġu stabbiliti setgħat ta' infurzar u ta' sanzjoni kif meħtieġ bl-artikoli 13, 14 u 18 tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal- Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2020 dwar l-Integrità u t-Trasparenza tas-Swieq tal-Enerġija bl-Ingrossa (Setgħat ta' Infurzar).

Tifsir.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"Aġenzija" tfisser l-Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (EC) tat-13 ta' Lulju 2009 li stabbilixxa Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija;

"informazzjoni privileġġjata" tfisser informazzjoni ta' natura preċiża li ma saritx pubblika, li tirrelata, direttament jew indirettament, ma' prodott tal-enerġija bl-ingrossa wieħed jew iktar u, li kieku ssir pubblika, x'aktarx li taffettwa b'mod sinifikanti dawk il-prezzijiet ta' prodotti tal-enerġija bl-ingrossa.

Għall-finijiet ta' din it-tifsira, "informazzjoni" tfisser:

(a) informazzjoni li għandha ssir pubblika skont ir-

Verżjoni Elettronika

Regolamenti (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009, inklużi l-linji gwida u l-kodiċijiet tan-netwerk adottati skont dawk ir-Regolamenti;

(b) informazzjoni relatata mal-kapaċità u l-użu tal-faċilitajiet għall-produzzjoni, għall-ħżin, għall-konsum jew għat-trasmissjoni tal-elettriku jew tal-gass naturali jew relatata mal-kapaċità u l-użu tal-faċilitajiet LNG, inkluż nuqqas ta' disponibilità ppjanat jew mhux ippjanat ta' dawn il-faċilitajiet;

(ċ) informazzjoni li għandha tiġi żvelata skont id-dispożizzjonijiet legali jew regolatorji fil-livell tal-Unjoni jew fil-livell nazzjonali, ir-regoli tas-suq, u l-kuntratti jew l-użanzi fis-swieq tal-enerġija bl-ingrossa rilevanti, sakemm din l-informazzjoni x'aktarx li jkollha effett sinifikanti fuq il-prezzijiet tal-prodotti tal-enerġija bl-ingrossa; kif ukoll

(d) informazzjoni oħra li parteċipant raġonevoli fis-suq x'aktarx juża bħala parti mill-bażi tad-deċiżjoni tiegħu li jidħol fi transazzjoni relatata ma', jew li joħroġ ordni biex jinnegozja fi, prodott tal-enerġija bl-ingrossa.

L-informazzjoni għandha titqies li hija ta' natura preċiża jekk turi sett ta' ċirkostanzi li jeżisti jew li jista', b'mod raġonevoli, ikun mistenni li jsir eżistenti, jew avveniment li jkun sar jew li jista', b'mod raġonevoli, ikun mistenni li jsir, u jekk tkun speċifika biżżejjed biex tippermetti li wieħed jasal għal konklużjoni fir-rigward tal-effett possibbli ta' dak is-sett ta' ċirkostanzi jew ta' dak l-avveniment fuq il-prezzijiet tal-prodotti tal-enerġija bl-ingrossa;

"manipulazzjoni tas-suq" tfisser:

(a) il-parteċipazzjoni fi kwalunkwe transazzjoni jew il-ħruġ ta' kwalunkwe ordni sabiex isir negozjar ta' prodotti tal-enerġija bl-ingrossa, li:

(i) tagħti, jew huwa probabbli li tagħti, sinjali foloz jew qarrieqa rigward il-provvista ta', id-domanda għal jew il-prezz ta' prodotti tal-enerġija bl-ingrossa;

(ii) tiżgura jew tipprova tiżgura, minn persuna jew persuni li jaġixxu f'kollaborazzjoni, il-prezz ta' prodott jew ta' diversi prodotti tal-enerġija bl-ingrossa f'livell artifiċjali, sakemm il-persuna li tkun ipparteċipat fit-transazzjoni jew ħarġet l-ordni sabiex isir in-negozju ma tistabbilixxix li r-raġunijiet tagħha biex tagħmel dan huma leġittimi u li dik it-transazzjoni jew dik l-ordni biex

Verżjoni Elettronika

isir negozju huma konformi mal-prattiċi aċċettati tas-suq fis-suq tal-enerġija bl-ingrossa konċernat; jew

(iii) tagħmel użu jew tipprova tagħmel użu minn mezz fittizju jew minn kwalunkwe forma oħra ta' qerq jew ta' strataġemma li tagħti jew li tista' tagħti, sinjali foloz jew qarrieqa rigward il-provvista ta', id-domanda għal, jew il-prezz ta', prodotti tal-enerġija bl-ingrossa; jew

(b) tixrid ta' informazzjoni permezz tal-*media*, inkluż l-internet, jew bi kwalunkwe mezz ieħor, li jagħti jew huwa probabbli li jagħti, sinjali foloz jew qarrieqa rigward il-provvista ta', id-domanda għal jew il-prezz ta' prodotti tal-enerġija bl-ingrossa, inkluż it-tixrid ta' għajdut u ta' aħbarijiet foloz jew qarrieqa, fejn il-persuna li tkun xerrdet l-informazzjoni kienet taf, jew missha kienet taf, li din kienet falza jew qarrieqa.

Meta informazzjoni tinxtered għall-iskopijiet tal-ġurnaliżmu jew l-espressjoni artistika, tixrid ta' informazzjoni ta' din ix-xorta għandu jiġi vvalutat billi jitqiesu r-regoli li jirregolaw il-libertà tal-istampa u l-libertà tal-espressjoni f'media oħra, sakemm:

(i) dawk il-persuni ma jiksbux, direttament jew indirettament, vantaġġ jew profitti mit-tixrid tal-informazzjoni inkwistjoni; jew

(ii) l-iżvelar jew it-tixrid isir bl-intenzjoni li s-suq jiġi żgwidat fir-rigward tal-provvista ta', id-domanda għal, jew il-prezz ta' prodotti tal-enerġija bl-ingrossa;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Enerġija;

"persuna" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika;

"Regolament (UE) Nru 1227/2011" jew "Regolament *Remit*" tfisser ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa;

"Regolatur" tfisser ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma stabbilit bl-artikolu 3 tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma; Kap. 545.

"rekwiżit tar-Regolament *Remit*" tfisser rekwiżit impost minn xi wieħed mill-artikoli li ġejjin tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011:

Verżjoni Elettronika

(a) l-Artikolu 3(1) u (5) (projbizzjoni ta' *insider trading*);

(b) l-Artikolu 4(1), (2) u (3) (l-obbligu li tiġi ppubblikata l-informazzjoni privileġġjata);

(ċ) l-Artikolu 5 (projbizzjoni tal-manipulazzjoni tas-suq);

(d) l-Artikolu 8(1) u (5) (ġbir tad-*data*);

(e) l-Artikolu 9(1), (4) u (5) (ir-reġistrazzjoni tal-parteċipanti fis-suq);

(f) l-Artikolu 15 (obbligi ta' persuni li b'mod professjonali jagħmlu arranġamenti għal transazzjonijiet);

(g) l-Artikolu 17 (is-segretezza professjonali);

"Tribunal" tfisser it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.

Kap. 490.

Għan.

3. Ir-Regolatur għandu jeżerċita s-setgħat ta' investigazzjoni u infurzar stabbiliti f'dan l-Att bil-għan li tiġi żgurata l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011 u b'mod partikolari l-Artikoli 3, 4, 5, 13 u 15 tiegħu.

Setgħa li jintalab aċċess għal dokumenti u għal reġistri ta' telefonati.

4. (1) Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tar-Regolatur mogħtija lilu taħt xi liġi oħra, fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att, ir-Regolatur għandu jkollu s-setgħa li jkollu aċċess għal kull dokumentazzjoni f'kull forma u li jirċievi kopja tagħha u li jitlob dawn id-dokumenti msemmija mingħand kull persuna, inklużi:

(a) kull persuna li qed twettaq, wettqet jew li tidher li qed twettaq jew li wettqet operazzjoni jew attività regolata jew projbita minn xi dispożizzjoni ta' dan l-Att;

(b) kull persuna li tidher li għandha xi informazzjoni jew dokumentazzjoni rilevanti; jew

(ċ) kull persuna li suċċessivament tkun involuta fl-għoti ta' ordnijiet jew f'azzjonijiet tal-operazzjonijiet rilevanti, kif ukoll il-prinċipali tagħhom.

(2) Ir-Regolatur jista', b'avviż bil-miktub, jeħtieġ li persuna msemmija fis-subartikolu (1) -

(a) tagħti lir-Regolatur, fil-ħin u fil-post u fil-forma speċifikati minnu, id-dokumentazzjoni kollha li jista' jeħtieġ

Verżjoni Elettronika

inklużi reġistri li jkun hemm ta' telefonati u reġistri li jkun hemm ta' traffiku tad-*data*; u

(b) tagħti lir-Regolatur id-dokumentazzjoni kollha hawn qabel imsemmija verifikata bil-mod kif jispeċifika.

F'dawn iż-żewġ każijiet, imsemmija fil-paragrafi (a) u (b), il-persuna indirizzata għandha tħares minnufih it-talba tar-Regolatur billi tagħti lir-Regolatur id-dokumentazzjoni kollha li jkollha.

(3) Ir-Regolatur jista' jagħmel kopji tad-dokumentazzjoni kollha mogħtija lilu jew li għandu aċċess għaliha taħt dan l-artikolu.

(4) Meta l-persuna meħtieġa li tagħti d-dokumentazzjoni taħt dan l-artikolu ma jkollhiex id-dokumentazzjoni rilevanti, għandha l-obbligu li tavża mill-ewwel lir-Regolatur fejn, safejn taf hi, tista' tinstab dik id-dokumentazzjoni, u r-Regolatur jista' jeħtieġ lil kull persuna, kemm jekk indikata kif imsemmi hawn qabel kemm jekk le, li tidher li għandha dik id-dokumentazzjoni, li tipprovdi dik id-dokumentazzjoni.

(5) Kull persuna mitluba li tagħti informazzjoni permezz tas-subartikolu (2), b'mod partikolari d-diretturi u l-*managers*, b'kull isem li jkollhom, jew kull persuna oħra li jkunu, jew li kienu, responsabbli mill-operazzjonijiet jew attivitajiet rilevanti għandha tgħin u tikkollabora minnufih mar-Regolatur biex tgħinu jwettaq il-funzjonijiet tiegħu, u għandha tiġbor u tibgħat mingħajr dewmien l-informazzjoni li r-Regolatur raġonevolment jista' jitlob minn żmien għal żmien.

Setgħa li tintalab informazzjoni u għajnuna u li jiġu mħarrka persuni għal smigħ.

5. (1) Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tar-Regolatur mogħtija lilu taħt xi liġi oħra, fit-twettiq tal-funzjonijiet u s-setgħat tiegħu taħt dan l-Att, ir-Regolatur għandu jkollu s-setgħat li jitlob informazzjoni dettaljata f'kull forma u li jirċievi dikjarazzjonijiet bil-miktub tagħha u li jitlob bil-miktub dik l-informazzjoni mingħand kull persuna minnufih. B'mod partikolari, ir-Regolatur jista' jeħtieġ li kull persuna msemmija fl-artikolu 4(1):

(a) tagħti lir-Regolatur, fil-ħin u fil-post u fil-forma speċifikati minnu, l-informazzjoni li jeħtieġ;

(b) tagħti lir-Regolatur kull informazzjoni fil-forma ta' dikjarazzjoni bil-miktub jew kull informazzjoni verifikata b'mod kif dan jista' jispeċifika;

(ċ) tiġi quddiem ir-Regolatur, fil-ħin u fil-post speċifikati minnu, biex twieġeb mistoqsijiet u tagħti informazzjoni u dokumentazzjoni; u

Verżjoni Elettronika

(d) tagħti lir-Regolatur kull għajnuna li jeħtieġ u li dik il-persuna tista', raġonevolment, tagħti.

(2) Kull persuna mitluba li tagħti informazzjoni permezz tas-subartikolu (1), b'mod partikolari d-diretturi u l-*managers*, b'kull isem li jkollhom, jew kull persuna oħra li jkunu, jew li kienu, responsabbli mill-operazzjonijiet jew attivitajiet rilevanti għandha tgħin u tikkollabora minnufih mar-Regolatur biex tgħinu jwettaq il-funzjonijiet tiegħu, u għandha tiġbor u tibgħat mingħajr dewmien l-informazzjoni li r-Regolatur jista' raġonevolment jitlob minn żmien għal żmien.

(3) Meta l-persuna meħtieġa li tagħti informazzjoni taħt dan l-artikolu ma jkollhiex id-dokumentazzjoni mitluba jew informazzjoni rilevanti, għandha tavża minnufih lir-Regolatur fejn, sa fejn taf hi, dik id-dokumentazzjoni tista' tinsab, u r-Regolatur jista' jeħtieġ li kull persuna, kemm jekk indikata kif imsemmi hawn u kemm jekk le, li jista' jkollha dik l-informazzjoni, li tipprovdi dik l-informazzjoni.

Setgħa li jinħatru spetturi u li jitwettqu spezzjonijiet fil-post.
Kap. 545.

6. (1) Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tar-Regolatur mogħtija lilu taħt l-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma u taħt xi liġi oħra, fit-twettiq tas-setgħat taħt dan l-Att, ir-Regolatur jista' jaġixxi direttament jew inkella indirettament billi jaħtar spettur jew spetturi li jkunu uffiċjali jew impjegati tar-Regolatur jew persuna oħra li r-Regolatur iqis kompetenti għal dan l-iskop, biex jinvestigaw u jirrappurtaw l-affarijiet ta' kull persuna li l-affarijiet jew l-azzjonijiet tagħha jkunu qed jiġu investigati fir-rigward ta' vjolazzjoni possibbli ta' dan l-Att.

(2) Fil-ħatra ta' spettur, ir-Regolatur jista' jistipula li l-investigazzjoni għandha titwettaq fi żmien speċifiku u għandha tkun ristretta għall-kwistjonijiet speċifiċi jew ġenerali li r-Regolatur jista' jqis xierqa.

(3) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, l-ispettur, wara l-preżentazzjoni tal-provi tal-awtorità tiegħu, jekk meħtieġa, għandu jkollu s-setgħa -

(a) li jinvestiga l-affarijiet ta' xi persuna msemmija fl-artikoli 4 u 5 jekk jaħseb li tkun meħtieġa jew espedjenti għall-iskopijiet ta' investigazzjoni taħt dan l- Att;

(b) li jeżerċita s-setgħat kollha mogħtija lir-Regolatur bl-artikoli 4 u 5;

(ċ) li jwettaq spezzjonijiet fuq il-post u għandu jkollu d-dritt ta' aċċess u dħul raġonevoli fl-istabbilimenti tal-impriża, fl-uffiċċji, fid-dokumentazzjoni u kull informazzjoni meħtieġa

Verżjoni Elettronika

jew espedjenti għall-iskop ta' investigazzjoni taħt dan l-Att;

(d) li jidħol fi stabbilimenti okkupati minn persuna bl-iskop li jikseb minn hemm informazzjoni jew dokumenti meħtieġa bl-avviż skont l-artikoli 4 jew 5, jew għall-iskop tal-investigazzjoni, u tal-eżerċizzju ta' xi setgħa mogħtija lilu bl-artikoli msemmija:

Iżda meta l-ispettur għandu raġuni biżżejjed li jaħseb li jekk jingħata avviż kif imsemmi fl-artikoli 4 jew 5 ma jitħarisx jew li xi dokumenti msemmija fl-avviż jistgħu jitneħħew, jitbagħbsu jew jinqerdu, l-ispettur jista' jidħol f'xi stabbiliment imsemmi fis-subartikolu (2) bl-iskop li jikseb minn hemm kull informazzjoni jew dokumenti li jkunu setgħu ġew mitluba taħt l-avviż kif imsemmi fl-artikoli 4 jew 5.

(4) Spettur maħtur skont dan l-artikolu għandu -

(a) jkollu s-setgħa li jagħmel rapporti interim u mal-konklużjoni tal-investigazzjoni tiegħu huwa għandu jagħmel rapport finali lir-Regolatur jekk hekk meħtieġ mir-Regolatur; u

(b) josserva l-obbligu tas-segretezza professjonali.

(5) Meta r-Regolatur jaħtar persuna bħala spettur taħt dan l-artikolu, din il-persuna, għall-iskop tat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt il-ħatra tagħha, għandu jkollha s-setgħat kollha mogħtija lir-Regolatur b'dan l-artikolu u talba tiegħu għandha titqies bħala rekwiżit tar-Regolatur u din għandu jkollha l-istess effett.

(6) Għall-iskop ta' kull azzjoni meħuda taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, ir-Regolatur jista' jitlob l-għajnuna tal-Kummissarju tal-Pulizija, li għal dan l-iskop jista' jeżerċita s-setgħat mogħtija lilu bil-liġi fejn tidħol investigazzjoni ta' reati kriminali.

(7) Fil-każ li jirriżulta li l-persuna investigata kisret id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, ir-Regolatur għandu jkollu s-setgħa li jordna li l-ispejjeż kollha raġonevoli li jintnefqu f'investigazzjoni skont dan l-artikolu jitħallsu minn dik il-persuna. Kull ordni bħal dan, li għandu jiġi notifikat lill-persuna konċernata b'avviż għall-ħlas, għandu:

(a) ikun bil-miktub; u

(b) jeħtieġ lill-persuna indirizzata biex tħallas l-ispejjeż tal-investigazzjoni u l-ispejjeż inċidentali għaliha qabel it-tmiem ta' dak il-perijodu, li ma jkunx inqas minn erbatax-il jum

Verżjoni Elettronika

mid-data tan-notifika tal-avviż, kif jista' jiġi speċifikat fl-avviż:

Iżda kull persuna li tħossha aggravata b'ordni notifikata lilha skont dan is-subartikolu tista' tappella lit-Tribunal kontra d-deċiżjoni tar-Regolatur skont l-artikolu 11.

Setgħat li jingħataw xi ordnijiet u li tintalab projbizzjoni temporanja tal-attività professjonali.

7. (1) Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tar-Regolatur mogħtija lilu taħt xi liġi oħra, fl-eżerċizzju u għall-iskop tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att, u għall-implimentazzjoni aħjar tiegħu, ir-Regolatur għandu jkollu s-setgħa li joħroġ dawk l-ordnijiet b'avviż bil-miktub li għandu jieħu forma ta' deċiżjoni kif dan iqis adatt, u kull persuna li tirċievi l-ordni għandha tħarisha u tirrendiha effettiva minnufih jew fiż-żmien u fil-mod stipulat fl-ordni.

(2) Deċiżjoni mir-Regolatur taħt dan l-artikolu tista' teħtieġ li ħaġa ssir jew li ma ssirx, tista' timponi projbizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni, jew rekwiżit ieħor, u tagħti setgħat, fir-rigward ta' kull operazzjoni jew att ieħor, jew fuq kull assi, jew fuq kull ħaġa oħra. Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi, ordni tista' teħtieġ it-twaqqif ta' kull prattika li hija kontra d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011, l-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma u ta' dan l-Att.

Kap. 545.

(3) Is-setgħa li r-Regolatur joħroġ deċiżjonijiet taħt dan l-artikolu għandha tinkludi s-setgħa li jvarja, ibiddel, iżid jew inaqqas minn din l-ordni, kif ukoll is-setgħa li joħroġ aktar ordnijiet ġodda.

(4) Bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ngħad qabel, ir-Regolatur jista' jitlob lill-Qorti tal-Maġistrati permezz ta' rikors biex toħroġ ordni li jimponi fuq persuna projbizzjoni temporanja tal-attività professjonali. Ir-rikors tar-Regolatur għandu jintlaqa', jekk il-Qorti tkun sodisfatta li -

(a) hemm probabbiltà raġonevoli li kwalunkwe persuna se tonqos milli tikkonforma ma' xi rekwiżit tar-Regolament *Remit*; jew

(b) li xi persuna tkun qed tonqos jew naqset li tikkonforma ma' xi rekwiżit tar-Regolament *Remit* u li hemm probabbiltà raġonevoli li l-inosservanza se tkompli jew li tiġi ripetuta; jew

(ċ) li hemm probabbiltà raġonevoli li xi persuna se tonqos milli tikkonforma ma' ħtieġa imposta minn jew taħt dan l-Att; jew

(d) li xi persuna tkun qed tonqos jew naqset li tikkonforma ma' xi ħtieġa imposta minn jew taħt dan l-Att u li

Verżjoni Elettronika

hemm probabbiltà raġonevoli li l-inosservanza se tkompli jew li tiġi ripetuta.

(5) Meta taħt xi dispożizzjonijiet ta' xi deċiżjoni jew ordni maħruġa skont dan l-artikolu, persuna tkun projbita li twettaq att, din il-persuna għandha tkun projbita wkoll milli twettaq dan l-att direttament jew indirettament, personalment kif ukoll permezz tal-użu tal-intermedjazzjoni ta' persuna oħra.

(6) Għall-informazzjoni aħjar għall-pubbliku, meta r-Regolatur ikun sodisfatt li ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, hu jista', f'kull waqt -

(a) jagħmel pubbliku kull ordni li jkun ta taħt xi dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu; u, jew

(b) joħroġ dikjarazzjoni pubblika dwar kull kwistjoni li taqa' fil-funzjonijiet jew fis-setgħat tiegħu taħt dan l-Att.

(7) Persuna li tħossha aggravata b'ordni notifikata lilha skont dan l-artikolu tista' tappella quddiem it-Tribunal u fil-każ ta' ordni maħruġa taħt is-subartikolu (4) quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri).

Ordni ta' sekwestru.

8. (1) Meta, waqt investigazzjoni taħt dan l-Att, fuq informazzjoni li jkun irċieva mir-Regolatur, l-Avukat Ġenerali jkollu raġuni tajba sabiex jissuspetta li persuna (minn hawn 'il quddiem imsejħa "is-suspettat") tista' tkun responsabbli ta' ksur ta' dan l-Att, l-Avukat Ġenerali jista' jagħmel rikors fil-Qorti Kriminali sabiex din toħroġ ordni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ordni ta' sekwestru") -

(a) li tissekwestra f'idejn dawk il-persuni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "s-sekwestratarji") li jkunu msemmijin fit-talba l-flus u l-proprjetà mobbli oħra kollha li jkunu dovuti lil jew jgħajtu lil jew jappartjenu lis-suspettat;

(b) li tordna lis-sekwestratarju biex jiddikjara bil-miktub lill-Avukat Ġenerali, mhux aktar tard minn erbgħa u għoxrin siegħa mill-waqt tan-notifika tal-ordni, ix-xorta u l-provenjenza tal-flus u l-proprjetà mobbli oħra kollha hekk sekwestrati, u

(ċ) li tipprojbixxi lill-persuna suspettata milli tittrasferixxi jew b'xi mod ieħor tiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli.

(2) Qabel ma tagħmel ordni ta' sekwestru, il-Qorti Kriminali tista' teħtieġ li tisma' lill-Avukat Ġenerali fis-sigrieta u ma għandhiex

Verżjoni Elettronika

toħroġ din l-ordni sakemm taqbel mal-Avukat Ġenerali li hemm raġuni biżżejjed kif previst fis-subartikolu (1).

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 381(1)(a), (b) u (e) u tal-artikolu 382(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għall-ordni ta' sekwestru. Kap. 12.

(4) Ordni ta' sekwestru għandu jiġi notifikat lis-sekwestrat u lis-suspettat minn uffiċjali tal-Pulizija Eżekuttiva mhux taħt il-grad ta' spettur.

(5) Ordni ta' sekwestru ma għandux jibqa' fis-seħħ, kemm-il darba ma jiġix imħassar qabel mill-Avukat Ġenerali permezz ta' avviż bil-miktub notifikat lis-suspettat u lis-sekwestrat kif stipulat fis-subartikolu (4), wara tletin jum mid-data li jinħareġ, u l-Qorti ma għandhiex toħroġ ordni ta' sekwestru ieħor fir-rigward ta' dak is-suspettat ħlief jekk tkun sodisfatta li saret disponibbli informazzjoni sostanzjalment ġdida dwar il-vjolazzjoni ta' dan l-Att:

Iżda l-perjodu msemmi ta' tletin jum għandu jitwaqqaf matul iż-żmien li s-suspettat ma jkunx jinsab f'Malta u l-Avukat Ġenerali javża lis-sekwestrat dwar dan permezz ta' avviż bil-miktub notifikat kif stipulat fis-subartikolu (4).

(6) Tul xi investigazzjoni ta' reat skont l-artikolu 13, il-Pulizija Eżekuttiva tista' titlob li tisma' taħt ġurament kull persuna li jaħsbu li jista' jkollha informazzjoni dwar dan ir-reat u l-Maġistrat għandu minnufih jisma' lil dik il-persuna taħt ġurament.

(7) Għall-iskop tas-smigħ ta' persuna taħt ġurament kif previst fis-subartikolu (6), il-Maġistrat għandu jkollu l-istess setgħat mogħtija mil-liġi lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala qorti istruttorja kif ukoll is-setgħat imsemmija fl-artikolu 554 tal-Kodiċi Kriminali: Kap. 9.

Iżda dan is-smigħ isir dejjem bil-magħluq.

Iffriżar ta' fondi.

9. (1) Meta persuna tkun ġiet akkużata kriminalment bi ksur ta' xi dispożizzjoni ta' dan l-Att (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-persuna akkużata") u, wara li jkun irċieva informazzjoni mir-Regolatur, l-Avukat Ġenerali jista' fejn jidhirlu xieraq jitlob lill-Qorti Kriminali toħroġ ordni bil-miktub lil kull persuna (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ordni tal-iffriżar") li -

(a) taqbad f'idejn terzi persuni kull flejjes u kull proprjetà mobbli dovuti jew li jappartjenu lill-persuna akkużata; u

Verżjoni Elettronika

(b) tipprojbixxi lill-persuna akkużata milli tittrasferixxi, tagħti bi pleġġ, tipoteka jew tiddisponi b'mod ieħor minn kull proprjetà mobbli jew immobbli:

Iżda l-Qorti Kriminali għandha tistabbilixxi f'din l-ordni xi flejjes jistgħu jitħallsu jew jiġu riċevuti mill-persuna akkużata tul l-applikazzjoni ta' din l-ordni, bi speċifikazzjoni tas-sorsi, mod u modalitajiet oħrajn tal-ħlas, inklużi l-paga, pensjoni u benefiċċji tas-sigurtà soċjali pagabbli lill-persuna akkużata, biex hi u l-familja tagħha jkunu jistgħu jgħixu ħajja deċenti fl-ammont ta' erbatax-il elf euro (€14,000) fis-sena, jew f'ammont akbar skont kif jista' jistabbilixxi l-Ministru għall-Finanzi minn żmien għal żmien b'Avviż Legali maħruġ bis-setgħa ta' dan l-Att fejn il-mezzi jippermettu:

Iżda wkoll il-Qorti Kriminali tista' barra dan -

(a) tawtorizza l-ħlas tad-djun li għandhom jitħallsu mill-persuna akkużata lil krediturі bonafidi u li nħolqu qabel ma saret l-ordni; u

(b) għal raġunijiet tajbin tawtorizza lill-persuna akkużata li tittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli.

Kull persuna indirizzata għandha tħares fil-pront kull ordni miktuba maħruġa mill-Qorti Kriminali skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu fir-rigward ta' dawk il-fondi u assi.

(2) Ordni tal-iffriżar għandha -

(a) tibda topera u torbot lil terzi persuni immedjatament malli ssir, u r-Reġistratur tal-Qorti għandu jieħu ħsieb li avviż tagħha jiġi pubblikat mingħajr dewmien fil-Gazzetta, u għandu jieħu ħsieb ukoll li kopja tagħha tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku fir-rigward ta' proprjetà immobbli; u

(b) tibqa' fis-seħħ sal-aħħar eżitu tal-proċedimenti amministrattivi jew kriminali kontra l-persuna akkużata, skont il-każ.

(3) Il-Qorti Kriminali tista', għal ċirkostanzi partikolari, tvarja l-ordni tal-iffriżar, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel għandhom japplikaw għall-ordni hekk varjat.

(4) L-ordni tal-iffriżar għandu jkollu l-isem u l-kunjom tal-persuna akkużata, il-professjoni, sengħa jew stat ieħor, l-isem tal-missier, l-isem tal-omm u kunjomha ta' xebba, fejn twieldet u fejn toqgħod u numru ta' dokument ta' identifikazzjoni legalment validu tagħha, jekk ikun hemm.

Verżjoni Elettronika

(5) Meta xi flejjes ikunu dovuti, jew isiru dovuti lill-persuna akkużata, korp ta' persuni jew entità li fir-rigward tagħha ssir ordni minn xi persuna waqt li tkun fis-seħħ ordni tal-iffriżar, dawn il-flejjes għandhom jiġu depożitati f'bank fuq kreditu tal-persuna akkużata.

(6) Meta din l-ordni tal-iffriżar ma tibqax fis-seħħ kif previst fis-subartikolu (2)(b), ir-Reġistratur tal-Qorti għandu jieħu ħsieb li avviż b'dan jiġi pubblikat fil-Gazzetta, u għandu jirreġistra nota ta' tħassir tar-reġistrazzjoni ta' dak l-ordni fir-Reġistru Pubbliku.

(7) Ir-Regolatur għandu jikkommunika mal-Avukat Ġenerali dwar kwistjonijiet taħt dan l-artikolu u taħt l-artikolu 7, u jista' jiskambja informazzjoni, soġġetta għall-obbligu tas-segretezza professjonali.

Kordinazzjoni ma' awtoritajiet oħrajn.

10. (1) Biex jiġi żgurat il-ħarsien ta' dan l-Att, ir-Regolatur jista' jikkordina l-ħidmiet tiegħu u jiskambja informazzjoni ma', u jikkollabora b'mod ieħor ma' -

(a) kull korp jew awtorità ffurmat jew imwaqqaf taħt il-liġi Maltija għal kwistjonijiet li fir-rigward tagħhom dan il-korp jew awtorità jista' jkollu funzjoni regolatorja, superviżorja, ġudizzjarja jew ta' liċenzjar skont il-liġi;

(b) kull awtorità, awtorità barranija jew korp li twettaq funzjonijiet simili jew l-istess jew li għandha d-dmir li tgħin fis-sorveljanza tas-suq jew li taħdem għall-iskop tal-kxif, il-prevenzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' atti relatati mal-abbuż fis-suq; u

(ċ) kull awtorità lokali jew barranija superviżorja, ta' infurzar jew ġudizzjarja li l-funzjonijiet tagħha jinkludu l-kxif, il-prevenzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' atti relatati mal-abbuż fis-suq, *insider dealing*, manipulazzjoni tas-suq u, jew ir-Regolament *Remit*.

(2) Ir-Regolatur għandu jeżerċita s-setgħat bis-saħħa ta' dan l-artikolu -

(a) għall-prevenzjoni, investigazzjoni jew kxif ta' attivitajiet li huma jew li aktarx huma abbuż mis-suq, *insider dealing*, manipulazzjoni tas-suq taħt dan l-Att jew liġi barranija;

(b) fejn awtorità barranija talbet l-għajnuna għall-iskopijiet tal-eżerċizzju ta' funzjoni regolatorji waħda, jew aktar, tagħha, taħt ir-Regolament *Remit*;

(ċ) meta jkun hekk meħtieġ skont ir-rabtiet

Verżjoni Elettronika

internazzjonali ta' Malta; jew

(d) meta jkun hekk meħtieġ fil-parametri tar-rabtiet ta' qbil li jiġu assunti f'pattijiet ta' ftehim bilaterali jew multilaterali għall-iskambju ta' informazzjoni u forom oħrajn ta' kollaborazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji barranin inkluża talba li toriġina taħt memorandum of understanding li jsir mar-Regolatur.

(3) Malli jirċievi talba minn awtorità barranija għal skop ta' twettiq tad-dmirijiet tagħha fl-investigazzjoni u kxif skont ir-Regolament *Remit*, inkluża talba mill-awtorità barranija għall-akkumpanjament ta' uffiċjali, impjegati jew aġenti oħra tal-awtorità matul xi investigazzjoni, ir-Regolatur għandu mill-ewwel jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiġbor l-informazzjoni meħtieġa mill-awtorità barranija. Jekk ir-Regolatur ma jistax iforni l-informazzjoni meħtieġa minnufih, għandu javża lill-awtorità barranija li tkun qed tagħmel it-talba dwar ir-raġunijiet.

(4) Ir-Regolatur jista' jirrifjuta li jaġixxi fuq talba għal informazzjoni meta:

(a) komunikazzjoni tista' tolqot negattivament is-sovranità, is-sigurtà jew l-ordni pubbliku ta' Malta;

(b) jkunu diġà nbdew proċedimenti ġudizzjarji quddiem il-qrati ta' Malta fir-rigward tal-azzjonijiet imsemmija u kontra l-istess persuni; jew

(ċ) tkun diġà ngħatat sentenza finali f'Malta fir-rigward ta' dawk il-persuni għall-istess azzjonijiet.

F'kull każ imsemmi hawn qabel, ir-Regolatur għandu javża lill-awtorità barranija li tkun qed tagħmel it-talba kif adatt, billi jagħtiha l-informazzjoni, bl-aktar dettall possibbli, ta' dawk il-proċedimenti jew ta' dik is-sentenza.

(5) Meta r-Regolatur ikun konvint li qed isiru, jew saru atti kontra d-dispożizzjonijiet tar-Regolament *Remit* fit-territorju ta' Stat Membru ieħor jew Stat taż-ŻEE, dan għandu javża b'dan lill-awtorità barranija rilevanti bl-aktar mod speċifiku possibbli.

(6) Kull persuna, korp jew awtorità li tirċievi informazzjoni skambjata konformament ma' dan l-artikolu għandha tkun soġġetta għall-obbligu tas-segretezza professjonali. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tagħhom fi proċedimenti ġudizzjarji taħt il-liġi kriminali, meta l-persuna, l-korp, jew l-awtorità rilevanti tirċievi

Verżjoni Elettronika

informazzjoni skont dan l-artikolu, din tista' tużaha biss għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha fl-ambitu ta' dan l-Att u fil-kuntest ta' proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji relatati speċifikament mal-eżerċizzju ta' dawk il-funzjonijiet:

Iżda meta l-awtorità barranija li tkun qed tikkommunika l-informazzjoni tagħti l-kunsens tagħha, l-awtorità li tkun qed tirċievi l-informazzjoni tista' tużaha għal skopijiet oħrajn jew terġa' tibgħatha lil xi awtorità barranija oħra.

Appelli. Kap. 545.

11. (1) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 32, 33 u 34 tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal appelli li jistgħu jinġiebu quddiem it-Tribunal taħt dan l-Att.

(2) Jista' jsir appell quddiem it-Tribunal kontra kull deċiżjoni jew azzjoni meħuda mir-Regolatur fir-rigward ta':

(a) kwalunkwe penali amministrattiva imposta taħt l-artikolu 12; jew

(b) kull ordni bil-miktub maħruġa skont l-artikoli 6(7) jew 7.

Penali amministrattivi.

12. Ir-Regolatur jista' jimponi penali amministrattiva fuq kull persuna li tikser xi rekwiżit tar-Regolament *Remit*, xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew regolamenti magħmulin taħtu jew li tonqos li tikkonforma ma' kull deċiżjoni mogħtija mir-Regolatur biex jiżgura l-konformità ma' dan l-Att, skont l-artikoli 12, 13 u 14 tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, li għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal dan l-Att.

Kap. 545.

Reati u pieni.

13. (1) Kull persuna li -

(a) xjentement jew b'negliġenza taġixxi bi ksur ta' xi rekwiżit tar-Regolament *Remit*, xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu;

(b) xjentement jew b'negliġenza tikser xi deċiżjoni jew ordni magħmulin taħt dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu;

(ċ) tonqos milli tosserva xi deċiżjoni jew ordni magħmulin taħt dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu;

(d) tfixkel, tostakola, timmolesta jew tindaħal jew tipprova tfixkel, tostakola, timmolesta jew tindaħal fit-twettiq

Verżjoni Elettronika

tad-dmirijiet ta' xi spettur, xi impjegat jew uffiċjal tar-Regolatur; jew

(e) tagħmel dikjarazzjoni għal xi wieħed mill-għanijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu li tkun falza, li tfixkel jew li mhix korretta f'xi dettall materjali,

tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti u teħel, meta tinsab ħatja, perjodu ta' priġunerija ta' mhux iżjed minn tmintax-il xahar, jew multa ta' mhux iżjed minn mitt elf euro (€100,000) jew ta' elf u tliet mitt euro (€1,300) għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Kull persuna li bil-ħsieb li ma tinqabadx li tkun għamlet reat taħt dan l-Att tneħħi, teqred, taħbi jew b'mod qarrieqi tibdel xi ktieb, dokument jew xi karta oħra, tkun ħatja ta' reat.

Setgħa tal-Ministru li jagħmel regolamenti.

14. (1) Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mar-Regolatur, jagħmel regolamenti għall-għanijiet ta':

(a) l-aħjar implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, xi rekwiżit tar-Regolament *Remit* u xi miżuri oħra ta' implimentazzjoni;

(b) l-applikazzjoni xierqa tal-projbizzjonijiet stabbiliti taħt dan l-Att;

(ċ) l-impożizzjoni ta' penali amministrattivi mir-Regolatur skont l-artikolu 12;

(d) fir-rigward tal-poteri ta' infurzar meħtieġa mir-Regolatur biex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att;

(e) għal kwalunkwe aspett relatat mal-proċedura u l-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu imposti fir-rigward ta' xi awtorizzazzjoni, ir-reġistrazzjoni jew notifika skont dan l-Att inkluż fejn applikabbli l-għotja, it-tiġdid, it-trasferiment, is-sospensjoni, it-tħassir u t-tul ta' xi awtorizzazzjoni, tal-mod li bih ir-reġistrazzjoni jew notifika tal-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għandha ssir, il-kontenut u l-forma ta' tali applikazzjonijiet u kif dawn jistgħu jingħataw, jiġġeddu jew jiġu trasferiti, il-miżati pagabbli, u l-mod li bih it-tiġdid jew trasferimenti tagħha għandu jkun indikat;

(f) biex jagħti effett lil xi obbligu internazzjonali li jintrabat bih il-Gvern b'rabta mar-Regolament *Remit* u ma' dan l-Att;

Verżjoni Elettronika

(g) biex jippreskrivi l-informazzjoni li għandha tinżamm minn xi persuna taħt dan l-Att u l-forniment ta' *data* ta' statistika minn dawn il-persuni, u fuq kull materja oħra relatata mal-forniment ta' informazzjoni minn xi persuna lir-Regolatur;

(h) biex jippreskrivi kull ħaġa li tista' tkun jew ikun meħtieġ li tiġi preskritta b'dan l-Att u skont xi rekwiżit tar-Regolament *Remit*.

(2) Regolamenti li jsiru taħt dan l-artikolu jistgħu jistabbilixxu reati u jistgħu jimponu sanzjonijiet amministrattivi jew miżuri amministrattivi oħrajn fir-rigward ta' xi ksur tagħhom jew ta' nuqqas ta' ħarsien tagħhom ta' mhux aktar minn:

(a) fil-każ ta' ksur kriminali, multa ta' mitt elf euro (€100,000) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, skont il-każ; jew

(b) fil-każ ta' ksur amministrattiv, multa ta' mitt elf euro (€100,000) għal kull ksur u, jew sitt mitt euro (€600) għal kull jum ta' nuqqas ta' konformità għal kull ksur jew nuqqas ta' konformità, skont il-każ.

(3) Regolamenti li jsiru taħt dan l-artikolu jistgħu wkoll jipprovdu għall-għoti ta' setgħa u ta' awtorità lir-Regolatur biex dan ikun jista' jiżgura li d-dispożizzjonijiet tar-regolamenti jiġu implimentati kif imiss.

Setgħa tar-Regolatur li joħroġ regoli.

15. (1) Ir-Regolatur jista', minn żmien għal żmien, joħroġ regoli li għandhom ikunu jorbtu lill-persuni speċifikati hemmhekk u dawn ir-regoli għandhom jiġu ppubblikati fil-Gazzetta.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (1), ir-Regolatur jista' joħroġ regoli u jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura it-tixrid xieraq ta' informazzjoni f'waqtha u korretta għall-pubbliku.

Verżjoni Elettronika

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 317 tal-1 ta' April, 2020.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati